IL-FGURA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fgura

## Laqgħa Nru. 49/2016

Data: It-Tnejn 26  ta'  Settembru, 2016

Hin: 18:30 hrs

Post: 68, 'Dar il-Kunsill', Triq il-Karmnu, Il-Fgura

Preżenti: Dr. Byron Camilleri – Sindku
Sur Pierre Dalli – Viċi Sindku
Sur Ray Deguara – Kunsillier
Sur Mark Lombardo – Kunsillier
Sur Saviour Camilleri -Kunsillier
Sur Charles Bonello – Kunsillier
Sur Ryan Ellul – Kunsillier
Sur Rene'  Zammit - Kunsillier

Sra Beverly Saliba - Segretarju Eżekuttiv

Skużati: Sur Jesmond Zammit Kunsillier

Assenti: -

## AĠENDA

**1. MINUTI**

**2. PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI**

**3. KORRISPONDENZA**

**4. PURCHASE REQUEST FORMS**

**5. HLASIJIET**

**6. MEMOS U KOMUNIKAZJONI MID-DIPARTIMENT TAL-GVERN LOKALI**

**7. TENDERS, QUOTATIONS, KUNTRATTI U OFFERTI**

**8. PROĠETTI, TOROQ U XOGHOLIJIET INFRASTRUTTURALI**

**9. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

**10. PROGRESS TA' HIDMA MILL-MEMBRI TAL-KUNSILL**

**11. ILMENTI U TALBIET LILL-KUNSILL**

**12. TRAFFIC MANAGEMENT**

**13. KIRJA TAT-TRIBUNAL**

**14. ATTIVITAJIET U INIZJATTIVI**

**15. JUM IL-FGURA, HAJR IL-FGURA, GIH IL-FGURA**

**16. MOZZJONIJIET**

**17. MISTOQSIJIET**

**18. AĠĠORNAMENT**

## Minuti – 49

Is-Sur Jesmond Zammit talab li jkun skuzat permezz ta'imejl anness ma' dawn il-minuti. Il-Kunsill approva din it-talba.

## 1. Minuti

**1.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4360/16/7 "Sabiex jiġu approvati Minuti 22 ta' Awwissu 2016". Din kienet ssekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

*Approvazzjoni tal-Minuti 22 ta' Awwissu 2016*

Favur: Sindku, Sur P Dalli, Sur R Deguara, Sur S Camilleri
Sur R Ellul, Sur M Lombardo, Sur C Bonello , u
Sur R Zammit.

Kontra: Ħadd.
Astenzjonijiet

Il-mozzjoni ref: 4360/16/7 approvata b'tmien voti favur u, l-ebda vot kontra.

## 2. Punti imqajma mill-Minuti

**2.1** Ma tqajjem ebda punt mill-Minuti.

## 3. Korrispondenza

**3.1** Ma tqajjem ebda punt f'dan ir-rigward.

## 4. Purchase Request Forms

**4.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4361/16/7 "Sabiex jiġu approvati PRFPO for CM 26/9/16" (ara 'DOK A' anness). Din kienet ssekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

*Approvazzjoni PRFPO*

Favur: Sindku, Sur P Dalli, Sur R Deguara, Sur S Camilleri

Sur R Ellul, Sur C Bonello , u Sur R Zammit.

Kontra: Ħadd.
Astenzjonijiet: Sur M Lombardo

Il-mozzjoni ref: 4361/16/7 approvata b'seba voti favur u astensjoni waħda.

## 5. Hlasijiet

**5.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4362/16/7 "Sabiex jiġu approvati ħlasijiet 23/8/16 sa 19/9/16" (ara 'DOK B' anness).

*Approvazzjoni tal-ħlasijiet*

Is-Sur R Degura ddikjara interess pekunarju fir-rigward ta' MIB U ħareġ mill-kamra fis- 18: 45 u daħal lura 18: 51.

Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

Favur: Sindku, Sur P Dalli,S Camilleri,Sur R Ellul, u Sur R Zammit.

Kontra: Ħadd.
Astenzjonijiet: Sur M Lombardo u s- Sur C Bonello

Il-mozzjoni ref: 4362/16/7 approvata b'ħames voti favur, l-ebda vot konta u żewġ astensjonijiet.

**5.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4363/16/7 "Sabiex jiġu approvati ħlasijiet 20/9/16 sa 20/9/16" (ara 'DOK Ċ' anness). Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

*Approvazzjoni tal-ħlasijiet*

Favur: Sindku, Sur P Dalli, Sur R Deguara, Sur S Camilleri
Sur R Ellul u Sur R Degura

Kontra: Ħadd.
Astenzjonijiet: Sur M Lombardo u Sur Charles Bonello

Il-mozzjoni ref: 4363/16/7 approvata b'sitt voti favur, u żewġ astenzjonijiet.

**5.3** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4364/16/7 "Sabiex jinxtara offerta Nr. 1 u jinxtra water dispenser u 140 flixkun ilma ta' 18.9 litri għal prezz ta' €599. Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

*Approvazzjoni tal-ħlasijiet*

Il-mozzjoni ref: 4364/16/7 ġiet approvata unanimament.

**5.4** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4365/16/7 "Sabiex jinxtara laptop għall-użu tas-Segretarju Ezekuttiv.

*Approvazzjoni tal-ħlasijiet*

Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 4365/16/7 ġiet approvata unanimament.

## 6. Memos u Komunikazzjoni mid-dipartiment tal-Gvern Lokali

6.1 Ma tqajjem ebda punt f'dan ir-rigward.

## 7. Tenders, Quotations, Kuntratti u Offerti

**7.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4366/16/7 "Biex jerġa joħroġ it-Tender għal ġbir tal-Bulky refuse wara li l-kuntrattur tal-ġbir ġie nieqes. Sadanitant, dan is-servizz ser jibqa jingħata lir- residenti tal-Fgura sakemm jiġi aggudikat tender ġdid, bil-mezz ta' direct order u quotations kif tistipula l-liġi.

*Tender għal ġbir tal-Bulky Refuse*

Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 4366/16/7 ġiet approvata unanimament.

**7.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4367/16/7 "Sabiex jinħareġ tender għal Mixed Household Waste ".

*Tender għal ġbir Mixed Household Waste*

Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 4367/16/7 ġiet approvata unanimament.

7.3 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4368/16/7 "Sabiex jinħareġ tender għal Upkeep and Maintanance of Soft Areas ".

*Tender għal upkeep and Maintanance of Soft Areas.*

Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 4368/16/7 ġiet approvata unanimament.

## 8. Proġetti, Toroq u Xogħolijiet Infrastrutturali

8.1 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4369/16/ "Sabiex isir patching fi Triq 26 ta' Marzu 1972". *Xogħol ta Patching*

Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 4369/16/7 ġiet approvata unanimament.

8.2 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4370/16/ "Sabiex tiġi rranġata bankina quddiem 9, Triq San Gwann". *Tiġi rranġata bankina*

Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 4370/16/7 ġiet approvata unanimament.

## 9. Komunikazzjoni mis-Sindku

9.1 Is-Sindku informa bil-ħatra tas Segretarju Eżekuttiv is-Sra. Beverly Saliba b'effett mill -14 ta' Settembru, 2016. Żied jgħid li hi bdiet tattendi l-Kunsill Lokali Fgura mill-5 ta' Settembru biex tingħata handover xierqa mid-deputat Segretarju Ezekuttiv Sur Kurt Scerri. *Ħatra tas-Segretarju Eżekuttiv*

9.2 Is-Sindku informa li kien ser issir tisbieħ il-post li bħalissa qed iservi bħala uffiċċini tal-Kunsill Lokali Fgura.

## 10. Progress ta' Ħidma mill-Membri tal-Kunsill

10.1 Is-Sindku semma illi l-attivita "*Chinese Food Festival* li ttelgħet minn nhar is-Sibt 24 ta' Settembru, 2016, kienet waħda ta' success. Din kienet organizzata mit-2 mindsevents b'kollaborazzjon mal- KunsillLokali. *Chinese Festival*

10.2 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4371/16/7 "Sabiex isir token li jirrikonoxxi s-suċċess tal-club tal-boċċi tal-Fgura li telgħu fl-ewwel diviżjoni". Din kienet ssekondata mis-Sur P.Dalli. Ittieħed vot. *Token ta' rikonoximent*

Favur: Sindku, Sur P Dalli, Sur R Deguara, Sur S Camilleri, Sur R Zammit u Sur R Ellul

Kontra: Sur C Bonello

Astenzjonijiet: Sur M Lombardo

Il-mozzjoni ref: 4371/16/7 approvata b'sitt voti favur, vot kontra u asstenzzjoni waħda.

10.3 Tqajjem il-punt mis Sur C Bonello li għandha ssir aktar

sorveljanza fejn il-klabb tal-boċċi minħabba l-fatt li hemm lok ta' xi abbuzz. Is-Sur M Lombardo kompla billi qal li għandha tittieħed azzjoni immedjata f'dan ir-rigward. *Sorveljanza*

## 11. Ilmenti u Talbiet lill-Kunsill

**11.1** Is-Sindku informa lil- mejda rigward l-ilment li l-Kunsill irċeva mingħand ir-resident ta' Vjal il-Kottoner, fejn qal li l-bejjjiegħ taċ-ċilindri tal-gass qed jagħmel ħin twil f'din it-triq. F'dan ir-rigward, ir-residenti jinsabu inkwetati minħabba l-fatt li dan jista jkun ta' periklu għalihom. Barraminhekk, inħolqot problema ta' '*double parking'* għax il-klijenti jieqfu ħdejn it-trakk biex huma jixtru ċ-ċilindri tal-gass. Il-kunsill talab il-permessi meħtieġa lill-bejjiegħ. Is-Sindku informa lill-Kunsill illi saret talba lill-Pulizija u dan l-operatur gie mitkellem. Is-Sindku informa wkoll illi
**11.2** fl-ahhar jiem dan l-abbuz inqata' minn Vjal Kottoner. *Vjal il-kottoner*

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4372/16/7 "Sabiex isiru floodlights fuq il-monument tas-salib skont kif anness. Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 4372/16/7 ġiet approvata unanimament.

## 12. Traffic Management

**12.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4373/16/7 "Sabiex issir konsultazzjoni mar-residenti ta' Triq Pace u Grasso dwar il-possibilita ta' sleeping police f'din it-triq hekk kif suġġerit fl-email annes. Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot. *Konsultazzjoni mar-residenti*

Il-mozzjoni ref: 4373/16/7 ġiet approvata unanimament.

**12.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4374/16/7 "Sabiex teħel mera Triq Kent k/m Sponsun - Il-Kunsill japprova din it-talba. 2016/1166- Triq San Pietru viċin ta' dar no. 34 (bejn Zabbar Rd u Triq Liedna) hemm daħla tal-garaxxijiet privata li għandhom kannizzata safra quddiem id-daħla, maġenba hemm MC bay u 2 p/bays bojod. Sid il-garage qed jitlob li il-p/bays jimxu il-fuq u l-mc bay tmur in-naħa tisfel peress li din qed tintuża xorta għal karozzi flok muturi u qed jagħlqu l-aċċess għal din id-daħla. Il-Kunsill japprova din it-talba. 2016/1188- Sabiex isiru dyl ta 1 metre ma garaxx 80 triq san ġwann u 76 triq san ġwann (picture no 2016_1188) - Il-Kunsill japprova din it-talba. 2016/1194 Ir-resident għandu missieru Eugenio Spiteri ID 649052M, u joqgħod 26, Flat 1. Block A2, Triq Mater Boni Consilii Fgura. Dan il-persuna ma jimxi xejn u jeħtieġ li jassistuh waqt li jimxi biex jidħol ġewwa d-dar tiegħu. Hu għandu reserved quddiem il-bieb iżda qed jipparkjawlu xi persuni oħrajn. Jekk ma jipparkjax eżatti taħt il-bieb tad-dar huwa ma jkunx jista jdaħħal lil missieru ġewwa. Hemm *Xogħolijiet varji fit-toroq*

reserved bay oħra communal li tinsab fejn kien hemm il-bring in sites mad-daħla tal-bandli li hija 15 -il metru bogħod minnu, u hija communal. Ir-resident qed jitlob li meta wieħed jikkunsidra l-każ, il-parking bay tkun riservata bin-number plate tiegħu. Number plate: EBH797.

Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 4374/16/7 ġiet approvata unanimament.

## 13. Kirja tat-tribunal

**13.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4375/16/7 "Sabiex jinkera l-fond 66, Triq il-Karmnu, għal sena suġġerit fl-email annes. Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

*Kiri ta' post*

Il-*mozzjoni* ref: 4375/16/7 ġiet approvata unanimament.

## 14. Attivitajiet, Inizjattivi

**14.1** Is-Sindku għadda mozzjoni ref: 4376/16/7, "Sabiex issir attivita' mużiko letterarja konġunta mas-Sede, fil-ġimgħa ta' 'Jum il-Fgura". Fost l-oħrajn għandu jiġi ċelebrat ix-xogħol letterarju ta' Charles Magro waqt din l-attivita'.

*Attivitajiet għal Jum il-Fgura mtella mis-Sede*

Is –Sur S Camilleri ħareġ mill-kamra fis- 19.15 u daħal lura 19.20

Din kienet sekondata mis-Sur R Deguara. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 4376/16/7 ġiet approvata unanimament.

**14.2** Is-Sindku għadda mozzjoni ref: 4377/16/7, "Sabiex tiġi organizzata attivita' għal Għawdex fi żmien il-Milied u l-ewwel tas-sena" .

*Attivita' għal Għawdex għal żmien il-Milied*

Din kienet sekondata mis-Sur R Deguara. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 4377/16/7 ġiet approvata unanimament.

**14.3** Is-Sindku għadda mozzjoni ref: 4378/16/7, "Sabiex tiġi organizzata attivita tal-Milied fi żmien il-Milied, bl-isem ta' 'Taħt is-siġra tal-Milied' ġewwa Triq Hompesch minn Wesgħa Kunsill tal-Ewropa, direzzjoni Zabbar.

*Attivita' taħt is-siġra tal-Milied*

Din kienet sekondata mis-Sur R Deguara. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 4378/16/7 ġiet approvata unanimament.

**14.4** Is-Sindku għadda mozzjoni ref: 4379/16/7, "Sabiex ta' kull sena Triq Zabbar u Triq Hompesch jiġu mżejna għal żmien il-Milied, u kif ukoll tintrama s-siġra tal-Milied fi Triq Hompesch. Din is-sena għandu jiżdied 'Awguri mill-Kunsill' u presepju tal-Milied fuq il-Monument tas-Salib". *Tiżjin tal-Milied fi triq Hompesch*

Din kienet sekondata mis-Sur R Deguara. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 4379/16/7 ġiet approvata unanimament.

## 15. Jum il-Fgura, Ħajr il-Fgura, Ġiħ il-Fgura

**15.1** Is-Sindku għadda mozzjoni ref: 4380/16/7, "Sabiex is-serata ta' Jum il-Fgura tittella' nhar it-28 t'Ottubru waqt il-Festa ta' l-ilsien Malti ġewwa Pjazza Reggie Miller". F'din l-attivita tinqara letteratura u titkanta mużika bil-Malti. Jingħataw Ħajr il-Fgura u Ġiħ il-Fgura, fl-eventwalita li l-Kunsill jiddeċiedi dan. Kantanta Corazon Mizzi. Jkun hemm bibieta għal dawk preżenti. F'każ ta' maltemp, l-attivita ssir ġewwa l-iskola. *Festa tal-ilsien Malti.*

Din kienet sekondata mis-Sur P. Dalli. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 4380/16/7 ġiet approvata unanimament

**15.2** Is-Sindku għadda mozzjoni ref: 4381/16/7, "Sabiex Jum il-Fgura jiġi ċelebrat il-Ħadd 30 t'Ottubru, permezz ta' korteo minn fejn il-Każin tal-Banda sal-Knisja Parrokjali, permezz ta' quddiesa, u wara korteo sa Pjazza Reggie Miller fejn isir diskors mis-Sindku, jindaqq l-Innu Malti u tittella' l-bandiera. Qari waqt il-Quddiesa: Sur Saviour Camilleri, Sur Charles Bonello. Offerti waqt il-Quddiesa: Sur Ryan Ellul, Sur Jesmond Zammit - 26/09/2016. *Jum il-Fgura*

Din kienet sekondata mis-Sur P. Dalli. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 4382/16/7 ġiet approvata unanimament.

**15.3** Is-Sindku għadda mozzjoni ref: 4382/16/7, "Sabiex dawn il-persuni jkunu onorati b'Ħajr il-Fgura: is- Sur Christopher Cutajar, u s-Sur Oreste Spiteri. *Ħajr il-Fgura*

Din kienet sekondata mis-Sur P. Dalli. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 4382/16/7 ġiet approvata unanimament.

## 16. Mozzjonijiet

Ma tqajjem l–ebda punt f'dan ir-rigward.

## 17. Mistoqsijiet

Is-Segretarju Ezekuttiv informa lil-mejda li rċeva kommunikat mingħand il-kunsillier Sur Jesmond Zammit rigward ir-rapport RESPIRA.

Risposti mehmuża ma' dawn il-minuti. (Ara Dok. D).

## 18. Aġġornament

**19.1** Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 24 ta' Ottubru, 2016, fis-18:30 hrs. *Aġġornamnet*

Il-laqgħa ntemmet fis-20:00 hrs.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| *Dr Byron Camilleri* | *Sra Beverly Saliba* |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |

Data: *26 ta' Settembru, 2016*